Għodwa waħda mċajpra ta' Settembru kien waħdu d-dar jitbekka xortih, igerrem difrejh u jaħseb f'xi ħaġa li tista' sserraħlu qalbu mill-għadu qalil tiegħu, meta għajnejh waqgħu fuq l-ixkaffa ta' ħdejn is-sodda ta' missieru. Hemmhekk lemaħ il-pistola ta' Wenzu; berraq għajnejh; qalbu ħabbtet imgħaġġel; fuq fommu feġġet tbissima ta' hena. Ħares mit-tieqa lejn il-għolja fejn darba Ġużepp kien taħ taptipa sewwa quddiem għajnejn missieru. Ra l-mogħoż ta' Ġużepp jirgħu mal-ġnub tal-għolja. Ta daqqa ta' għajn madwaru, donnu biex ikun żgur li mhu qed jarah ħadd; mesaħ idejh mal-qalziet; għolla idu għal fuq l-ixkaffa; qabad il-pistola; xeħetha f'ħobbu; ħareġ mid-dar; kiser għat-triq tal-għolja b'qalbu tħabbat qawwi ġewwa sidru.

Fuq il-għolja deher Ġużepp waħdu jirgħa l-mogħoż u jinbex kelb tal-kaċċa. Meta Toni wasal daqsxejn bgħid minn Ġużepp, qal b'leħen qawwi waqt li ħareġ il-pistola minn ħobbu: "Il-lum ejja megħekni ma' l-art jekk għandek l-ħila!"

Ġużepp dar lejn Toni; inħasad; sfar; beda jirtogħod; ma sabx x'jaqbad igħid.

"Il-lum ipprova ersaq lejja u ofġorni kif għamiltli kemm-il darba!" issokta Toni.

"Għidli li qiegħed tiċċajta, Ton", temtem Ġużepp x'ħin beda jagħti l-passi lura biex jitbiegħed minn Toni.

"Għalfejn qiegħed tersaq lura u mhux tħebb għalija bħal qabel?" staqsieh Toni bi tbissima ta' tkasbir.

"Ma nerġax immissek iżjed, Ton... Naħliflek fuq ommok li ma nerġax. Nibda naqbeż għalik kontra l-oħrajn kollha...... Emminni, Ton, taf!"

Iżda f'wiċċ Toni ma kenitx tidher ħniena; huwa ma kienx qiegħed jagħti widen ta' kliem Ġużepp. Baqa' riesaq lejh pass pass waqt li l-ieħor kien miexi lura bla ma jaqla' għajnejh minn fuq il-pistola.

F'daqqa waħda Toni għajjat: "Żomm hemm, qiegħed f'xifer l-irdum. Jekk tagħti pass ieħor lura tmur għal isfel. Tersaqx lejja; ibqa' fejn int."

Ġużepp waqaf; ma kienx jaf x'jaqbad jagħmel. Malajr ġieh ħsieb u qal bil-ħlewwa lil Toni: "Jiena bsart li int ma tridx toqtolni." Imma bil-kemm kien qal dal-kliem li ma ħassx l-art ta' taħtu nieżla bih; iż-żrar beda jitfarfar mill-qiegħa; rasu għelbitu; ħa tixjira fix-xejn; baqa' nieżel mill-għoli ta' l-irdum għal fuq il-blat ta' wara l-oqsma.



Toni baqa' qisu mibluh bil-pistola f'idu ippuntata lejn ix-xejn. Imbagħad ferfer rasu donnu stenbaħ minn nagħsa kerha; daħħal mill-ġdid il-pistola f'ħobbu; qabad in-niżla li wasslitu sad-dar; qiegħed il-pistola fuq l-ixkaffa minn fejn kien ħadha; raġa' mar bil-qiegħda jaħseb u jgerrem difrejh bħalma kien għamel qabel ħareġ mid-dar. Imma f'qalbu ma ħassx il-hena li kien basar sejjer isib.

---

## NIFIRĦU MILL-ĠDID

Fil-ħarġa tagħna ta' Ġunju ta' din is-sena konna ħabbarna, b'ferħ kbir f'qalbna, bil-ġieh li kien iżżejjen bih il-President tal-Għaqda tagħna meta ġie magħżul Kavalier Maġisterjali ta' l-Ordni Suvran u Militari ta' San Ġwann.

Il-lum għandna mill-ġdid għax nifirħu lill-istess President tagħna li tala' tarġa oħra, l-ogħla waħda li jista' jilħaq tabib f'pajjiżna, jiġifieri dik ta' Tabib Prinċipali tal-Gvern.

F'isem il-membri akkademiċi u l-imseħbin ta' "Il-Malti" rridu nħallu hawnhekk imniżżel fil-faċċati tar-rivista tagħna l-ferħ sinċier ta' qalbna u nixtiqulu fl-istess ħin ħajja twila biex fiha jkun jista' jissokta fil-ġid li nafu li għamel fl-imgħoddi fid-Dipartiment Mediku u tas-Saħħa b'risq il-poplu tal-Gżejjer tagħna.

---